MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 140/2003

**Avukat Dottor Malcolm Mifsud**

**Vs**

**Gino Cauchi bhala Editur tas-Super One TV**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma' ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti skont il-Ligi tal-Istampa, bhala danni kkagunati lill-attur bis-servizz fuq l-ahbarijiet mxandra fuq l-istazzjoni ta' Super One nhar il-Gimgha 7 ta' Frar, 2003, fejn intqal li l-attur "presentement jaqla' eluf ta' liri fuq xoghol ta' traduzzjonijiet tal-ligijiet tal-Unjoni Ewropea u nghatat l-idea li l-attur, fil-kwalita' tieghu ta' Sindku tal-Pieta', ppresenta mozzjoni quddiem il-Kunsill Lokali fejn irrakkomanda lir-residenti tal-Pieta' u Gwardamangia sabiex jivvutaw IVA fir-Referendum tat-8 ta' Marzu, 2003 abbazi tal-fatt li huwa qed jithallas fuq xoghol konness

mal-Ewropa, u b'hekk ingurjajtu u naqqastlu mill-fama li huwa jgawdi, u dana wara illi l-Qorti tkun iddikjarat illi tali servizzi kif mxandra kienu malafamanti ghall-attur.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tordna li s-ssunt tas-sentenza tixxandar bl-istess prominenza ghas-spejjes tal-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza qieghed jigi dikjarat illi l-ammont ma jeccedix il-LM5000.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta jidhrila xierqa dina l-Qorti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez stante illi ma hemm xejn libelluz fil-kontenut tas-servizz tal-ahbarijiet *de quo*.

2. Illi f'kull kaz is-servizz ta' l-ahbarijiet in kwisjtoni ma huwiex libelluz u malafamanti u jikkosttiwixxi *fair comment*.

3. Illi l-eccipjent ghandu dritt u obbligu li jezercita l-professjoni tieghu ta' gurnalist. Ir-rapport kien jitratta kwistjoni ta' interess pubbliku attwali, u jekk kien fih xi inezattezzi li jolqtu lill-attur, dan kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u dak verbalizzat a fol 51 tal-istess atti u l-verbali precedenti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-attur, permezz ta' "affidavit" taht gurament sottomess minnu (fol 12 u fol 13 tal-istess atti) beda billi jghid illi kien

jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Pieta' fi Frar 2003, bl-istess Kunsill jkollu elezzjoni li ser tinzamm fit-8 ta' Marzu, 2003. L-attur semma' kif f'dan il-perjodu kien hemm diskussjoni politika dwar shubija fl-Unjoni Ewropea, bil-partit tieghu, jkunu favorevoli ghal din l-ishubija waqt li, minn naha l-ohra kien hemm kampanja favur "partnership" mal-istess Unjoni. Inoltre, kien hemm ukoll diversi ghaqdiet li kienu qeghdin jiddikjaraw li huma favur shubija. Ghalhekk hu bhala Sindku, hass illi l-kunsill kellu jiddiskuti dan il-punt u kien ressaq mozzjoni sabiex jigi rakkomandat lir-residenti tal-lokalita li jivvutaw favur shubija fir-referendum ghar-ragunijiet indikati fl-istess xhieda specjaliment in rigward kontroll ta' tniggis tal-arja. Minhabba din il-mozzjoni, hu kien gie kkritikat min-naha tal-kamp oppost. Fiflatt b'riferenza ghal din il-kawza, fis-7 ta' Frar, 2003, kien gie trasmess fl-ahbarijiet msemmija fl-avviz promotur li "presentement jaqla' eluf ta' liri fuq xoghol ta' traduzzjoni tal-ligijiet tal-Unjoni Ewropea", allegazzjoni li ma kienetx minnha. Filfatt hu kien ghamel xi zmien jaghmilha ta' revizur ta' traduzzjonijiet li saru ta' diversi direttivi u trattati tal-istess Unjoni fis-sens li jirrevedi dawn it-traduzzjonijiet sabiex jara li ghandhom qafas legali. Ghal dan ix-xoghol kien ircieva hlas ta' tlett elef u sitt mitta lira Maltin (LM3600) fis-sena.

L-istess kuntratt kien skada u ma giex imgedded. Difatti, fil-perjodu in kwistjoni cjoe, fi Frar tal-2003, hu ma kienx qed jaghmel dan ix-xoghol. Hu sostna li dak li gie allegat kien sar sabiex jigi skreditat mal-elettorat tal-lokalita peress li fl-istess jum tar-referendum kellha ssir ukoll l-elezzjoni ghall-Kunsill Lokali. Dwar dan, kif jidher mill-"affdiavit" ta' Dottor Giovanni Bruno (fol 22 ibid) l-attur kien gie inkarigat "part-time" bhala revizur, wara d-debita "interview" quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u dan minn Novembru 2001 sa Ottubru 2002 b'paga ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) fix-xahar (ara wkoll l-"affidavit" ta' John O'Dea a fol 24 ibid dwar il-mozzjoni msemmija u introdotta fil-5 ta' Frar 2003 u li tinsab a fol 25 ibid). Sussegwentement l-attur xehed "viva voce" (fol 37 u fol 38 ibid) u hanwhekk rega' qal li l-kuntratt imsemmi bhala revizur kien skada qabel ma giet introdotta l-mozzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-konvenut (fol 33 et seq ibid) semma' li quddiem il-Parlament kienu saru mistoqsijiet u fit-twegiba kienu nghataw dettalji dwar min kien l-ufficju legali li kienu qed jaghmlu traduzzjonijiet, hawn fuq imsemmija, fosthom dak tal-attur. Inoltre fil-Kunsill Lokali f'Tal Pieta' kienet giet introdotta l-mozzjoni hawn fuq inidakta mill-attur. Dwar dan hu kkummenta li tali mozzjoni ma kienetx kompitu ta' Kunsill Lokali. Dwar is-servizz imsemmi fl-avviz, dan kien jittratta dwar l-istess mozzjoni u fil-fehma tat-trasmissjoni in esami "...il-Kunsill Lokali ma kellux jindahal f'haga bhal din cioe shubija..." u "...allaccjajna l-fatt illi Dr. Malcolm Mifsud kien ippropona din il-mozzjoni ... mal-fatt li kien involut u diga thallas in konnessjoni ma' dawk it-traduzzjonijiet". In kontro ezami hu semma' li d-domandi parlamentari kienu saru vicin is-7 ta' Frar, 2003 izda ma setax jiftakar jekk, fit-twegibiet l-attur "...(ma) kienx ghadu jaghmel dawn it-traduzzjonijiet" izda "t-traduzzjonijiet kienu ghadhom ghaddejjin u kien hemm 'tenders' fuq dawn ukoll".

**Ikkunsidrat**

Illi kif jidher a fol 42 ibid u minn diversi verbali ohra, kellhom jigu esebiti dawn il-mistoqsijiet parlamentari bit-twegibiet izda dawn ma gewx rintraccjati.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-kliem li ntqal u kif citati fl-avviz in esami, jidher li:

a. Ma hemmx kontestazzjoni li l-istess kliem intqalu.

b. L-attur, filfatt kien inkarigat sabiex jaghmilha ta' revizur kif premess fil-perjodu bejn Novembru 2001 sa Ottubru 2002.

c. L-istess attur kien ressaq il-mozzjoni wara li kien skada t-terminu tieghu bhala revizur.

d. Il-konvenut, avolja seta' kien konsapevoli li l-attur kien spicca milli jaghmilha ta' revizur, xhur qabel ma ntroduca l-mozzjoni quddiem il-Kunsill.

e. Filfatt jidher li, skont il-kliem in esami, l-attur kien ottjena l-kariga bhala revizur u "presentement jaqla' eluf ta' liri" minn dan ix-xoghol. Dan, certament ma kienx minnu. Filfatt bil-mod kif sar allacament bejn ix-xoghol ta' revizur u l-introduzzjoni tal-mozzjoni msemmija minghajr ma ntqal li l-attur kien diga spicca li jirrevedi direttivi xhur qabel. Minhabba hekk gie sottointiz, b'mod car, li hemm konnessjoni diretta bejn dawn iz-zewg fatturi.

f. L-istess kliem trasmessi, certament ma jistghux, ghalhekk, jammontaw ghal xi forma ta' "fair comment" kif jsostni l-konvenut. Illi ghalhekk, l-istess kliem ghandhom jigu konsiderati bhala malafamanti fil-konfront tal-attur u ma jikkostitwux "fair comment"

**Ikkunsidrat**

Illi, dan premess, l-ammont ta' dawn morali ser jigi likwidat fis-somma ta' elf ewro (€1000).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti mill-avviz in esami u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' elf ewro (€1000) bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------